MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 242/2012

**Joseph Lia**

**Vs**

**Anthony u Josette konjugi Muscat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fis-6 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu ir-rikorrent talab li jerga' jirrendi ezegwibbli sentenza li nghatat fit-3 ta' Novembru 2000 minn din il-qorti[1] fil-kawza **Joseph Lia vs Anthony Muscat et**

[1] Imhallef Joseph R. Micallef.

(1522/2000JRM), fejn il-konjugi Muscat gew ikkundannati jhallsu lil Joseph Lia s-somma ta’ hamest elf mija u hamsin lira Maltin (Lm5,150) import ta’ kambjala li mmaturat fil-11 ta’ Settembru 1999 u bl-imghax mill-11 ta’ Settembru 1999. Sentenza li hi gudikat[2].

Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-intimati gew notifikati bl-atti, ma deherux fis-seduta tal-lum u lanqas ipprezentaw twegiba.

Semghet lir-rikorrent jikkonferma bil-gurament li sal-lum ghadu ma thallasx.

Fic-cirkostanzi tilqa’ t-talba tar-rikorrent u skond l-Aritkolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta terga tirrendi ezegwibbli s-sentenza li nghatat fit-3 ta’ Novembru 2000 fil-kawza **Joseph Lia vs Anthony Muscat et** (1522/2000JRM).

Spejjez a karigu tal-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Ara dokument anness man-nota prezentata llum.